SAN LAWRENZ

Il-Minuti tad-disgħa u tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ħamis 24 ta' Gunju 2010 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | Luigia Grima<br>John Mercieca<br>Joseph Sultana |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Ġew trattati l-applikazzjonijiet tal-iżvilupp bin-numri PA 1591/10, PA 1110/10, PA 1149/10 u PA 1739/10. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwarhom.

3.2 Ġiet trattata l-ittra mingħand l-Arka Respite Centre fejn talbu lil Kunsill sabiex jgħinhom finanzjarjament fiż-żjara ta' xi persuni bi bżonnijiet speċjali f'Colle Umberto. Is-Sindku spjega kif din iz-zjara ġiet pjanata wara żjara li kien għamel ċentru f' Colle Umberto ġewwa l-Arka. Dak inhar kien ġie ssuġġerit li jibdew skambji ta' persuni b'diżalbilta' sabiex il-ġemellaġġ ikun aktar inklussiv. Il-Kunsill qabel li ghandu jgħaddi is-somma ta' €200 bħala parti mill-iskambji li qed isiru tal-ġemellaġ.

**4.0 Il-proġett tal-bankini ta' Triq id-Duluri**

4.1 Is-Sindku rrefera għall-proġett tal-bankini fi Triq id-Duluri u rrimarka li x-xogħol miexi b'rittmu tajjeb u jidher li qed isir xoghol tajjeb.

**5.0 Proġett tad-daħla tal-iskola**

5.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Kunsill ingħata €15,000 taħt skema mnedija f'"Memo 27/2010 sabiex isir xogħol ta' landscaping fid-daħla ta' l-iskola. Sar qbil li l-Perita Ivana Farrugia tintalab sabiex tagħmel pjanta u li l-gate ta' l-iskola tigi rtirata 'l-ġewwa. Is-Sindku semma li huwa kkonsulta mal-kap ta' l-iskola rigward il-proġett u qabel mal-proposta għax b'hekk l-iskola wkoll tingħatha aktar sigurta u kontroll.

**6.0 Update fuq il-proġett tal-knisja**

6.1 Is-Sindku rrefera għall-proġett tar-restawr tal-knisja. Huwa semma li x-xogħol issa beda qed isir l-iscaffolding u nqalgħu l-qniepen minn posthom biex isir ir-restaw fuqhom. Is-Sindku semma li fil-preżent għaddej ukoll l-aġġidukar ta' l-offerti oħra relatati ma' l-istess proġett fosthom dak tar-restawr tal-pittura u l-orgni.

**7.0 Ħarġa għall-anzjani**

7.1 Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jorganizza ħarġa oħra għall-anzjani nhar il-Ġimgha 2 ta' Lulju 2010.

**8.0 Ħames Anniversarju tal-Ġemellaġġ**

8.1 Is-Sindku rrefera għat-telefonata li għamillu l-President tal-Associazione del Gemellagio ta' Colle Umberto sabiex jitfakkar il-5 Anniversarju ta' l-iffirmar uffiċċjali tal-Ġemellaġġ. Ġie ssuġġerit li norganizzaw atttivatjiet reċiproki biex niccelebraw dan l-anniversarju. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu mafkar bil-quċċata taz-zokk tas-siġra tal-Milied li kien bgħatulna huma u għall-inawgurazzjoni tiegħu nistiednu delegazzjoni minn Colle Umberto. Il-Kunsill qabel li d-delegazzjoni għandha tkun magħmula minn mhux aktar minn sitt persuni u li jiġu għal erbat ijiem fi żmien il-festa.

**9.0 Permessi tal-festa**

9.1 Is-Sindku propona li wara l-qbil li kien intlahaq is-sena l-oħra dwar il-kiosks fil-festa, jaqbel li din is-sena kull hawker iżomm il-post li kellu s-sena l-oħra. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

**10.0 Jum ir-raħal**

10.1 Is-Sindku propona li għandna nerġgħu nibdew niċċelebraw jum ir-raħal fejn fih nagħmlu xi attivita' zgħira li fiha jingħata randikont ta' ħidmet il-Kunsill u jsir get-together għal dawk preżenti.

**11.0 Rikonoxximent MTA**

11.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera bl-*achievement* li kiseb il-Kunsill mingħand l-MTA permezz tal-premju EDEN bl-attivita 3D li nżammet fid-Dwejra f'Settembru tal-2007. Il-Kunsill Lokali tagħna spiċċa bħala runner-up u ngħata trofew ta' rikonoxximent.

**12.0 Korsijiet ghas-sajf**

12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew xi korsijiet edukattivi jistgħu jorganizzaw għas-sajf.

12.2 Wara diskussjoni pero sar qbil li peress li t-tfal ser ikunu nvoluti minn f'summer camp jew fl-iskola Sajf, ma tantx ser ikollhom ħin għal korsijiet Għalhekk sar qbil li għal dan is-sajf ma jsirux korsijiet.

**13.0 L-istudju għal-lokalita' sostenibbli**

13.1 Is-Sindku rrefera għall-istudju dwar San Lawrenz – Lokalita' Sostenibbli. Jidher li qed isir rapport tajjeb u li qed jidħlu ħafna dettalji li ser jgħinu lir-raħal ikompli jimxi 'l quddiem . Is-Sindku semma' li jittama li sa laqgħa li jmiss ikun tlesta d-draft biex niddiskutuh.

**14.0 Approvazzjoni tal-pagamenti**

14.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti u għall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha preżentati.

**15.0 Materji oħra**

15.1 Il-kunsillier John Mercieca talab sabiex jintefa l-organic feed biex jissaħħu l-pjanti tar-roundabout, ta' Triq Ċangura.

15.2 Il-kunsillier John Mercieca reġa tenna t-talba sabiex isir passaġġ bil-konkrit fir-raba. Is-Sindku semma li ser ikellem lis-Sur Debono tas-CMU biex jara jistgħux jagħmluh minn naħa tal-Gvern Ċentrali

15.3 Sar qbil li għandna nikkonfermaw li l-camera tal-pjazza tkun taħdem.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| ***Noel Formosa*** | ***Lucienne Haber*** |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |